# Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)
# Sede Kostituzzjonali

## Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D

## Rikors Numru: 365/2022DC

***Publis sive Leo Said***
***vs***
***L-Avukat tal-Istat***

## Illum, 19 ta' Settembru, 2023

## Il-Qorti

Rat ir-rikors[1] ta' l-attur Publis sive Leo Said ippreżentat fis-6 ta Lulju 2022, permezz ta' liema ppremetta is-segwenti[2]:-

*1) Illi l-Esponent Rikorrent Publis sive Leo Said kien ġie mħarrek u akkużat mill-istess pulizija quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-kawża "Il-Pulizija (Spettur Priscilla Caruana) vs Publis sive Leo Said," talli nhar it-28 ta' Awwissu 2019, kif ukoll fil-ġranet ta' qabel u ta' wara, fil-Belt Valletta w f'dawn il-Gżejjer Maltin:*

*2) Uża xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fornut min impriża għal għan li ma kienux dak li ġew fornuti għalihom, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriża għall użu kif imiss, ukoll talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet eletroniċi bil-ħsieb li tieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex tagħmel xi gwadan, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil Dr. Abigail Critien*

[1] Għalkemm f'l-ewwel linja tar-rikors promotur hemm indikat li r-rikors huwa ġuramentat, mill-att innifsu ma jirriżultax li r-rikors ġie ġuramentat. Għal kull buon fini għandu jingħad li l-Avviz Legali 279 tas-sena 2008 (LS12.09) ma jirrikjediex li rikors bħal dak odjern għandu jkun ġuramentat.
[2] A skans ta' ekwivoċi dwar dak li qed jitlob l-atttur u fuq xiex qed jibbaża t-talbiet tiegħu, u minkejja t-tul tar-rikors promotur, il-Qorti ser tirriproduċi l-premessi u t-talbiet tiegħu verbatim.

*tagħmel xi ħaġa, jew heddidt li takkuża jew li tagħmel ilment kontra tagħha, jew biex immalafamajt lil Dr. Abigail Critien, jew xi persuni oħra jew għamilt użu ieħor mhux xieraq bih:-*

i. *Għamilt lil Dr. Abigail Critien inġurji jew theddid, jew jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħriġt mil-limiti tal-provokazzjoni;*
ii. *Talli b'mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima w kemm jekk iffirmata bl-isem tiegħu innifsu heddit lil ħaddieħor b'delitt;*
iii. *U dan bi ksur ta' l-Artikolu 48, tal-Artikolu 49(b) u 49(c) tal-Kap. 399, tal-Artikolu 251A(1)(a), 251A(1)(b), tal-Artikolu 249(1), tal-Artikolu 251B(1) u tal-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta w li tali delitt huwa aggravat ai termini tal-Artikolu 251H(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3) Illi l-Qorti kienet ġentilment mitluba wkoll mill-prosekuzzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-istess Esponent Rikorrent (Artikolu 412C(1)(2) tal-Kap. 9);*

*4) Illi fost affarijiet oħra, l-istess Parte ċivile Dr. Abigail Critien kienet ippreżentat folja karta fejn kien hemm miktub hekk: ... ... ...*[3]

*5) Illi l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali fl-istess mori ta' l-istess Kawża "Il-Pulizija (Spettur Priscilla Caruana) vs Publis sive Leo Said," kienet prattikament injorat għal kollox l-istess allegazzjonijiet ta' l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien;*

*6) Illi tant huwa hekk, li fit-13 ta' Lulju 2021, l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, wara li rat l-Artikoli 49(b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill istess esponent ħati biss tal-ewwel (1) akkuża w ikkundannatu għall-multa ta' tletin ewro (€30) flimkien ma' Ordni taħt l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien sena w liema ordni kienet ġiet annessa ma' dika l-istess sentenza, filwaqt li lliberatu mill-akkużi l-oħra kollha stante li ma ġewx ippruvati;*

*7) Illi fi kliem aktar sempliċi, l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, kienet sabet ħtija ai termini ta' l-istess Artikolu 49 (b) u (c) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li l-istess kliem hekk adoperat mill-istess esponent, dejjem skond l-istess Onorabbli Qorti, l-istess esponent kien implika li l-kwerelanti Abigail Critien kellha xi konnessjonijiet mal-"mafia;"*

*8) Illi minn naħa l-oħra, fid-29 ta' Ottubru 2021, l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kienet iddeċidiet billi ċaħdet l-Appell ta' l-istess esponent, u kkonfermat is-sentenza appellata, għalkemm biss fis-sens illi l-istess esponent kienet ġiet misjuba ħtija għar-reat ikkontemplat fis-sub-inċiż (c) għall-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*9) Illi barra minn hekk, l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kienet iddeċidiet ukoll billi it-terminu ta' sena mogħti mill-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati għall-*

[3] L-attur hawnhekk stampa ritratt ta' din il-karta.

*garanzija maħsuba fl-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali kellu jibda jiddekorri mid-29 ta' Ottubru 2021;*

10) *Illi dak li qed jilmenta minnu l-istess esponent, huwa l-fatt li huwa qatt ma qal w/jew approva jimplika li l-istess parte ċivile* Dr. Abigail Critien *kellha xi konnessjonijiet ma tal-"mafia;"*

11) *Illi kif ser jiġi ampjament spjegat, minħabba diversi ċirkustanzi li kien qed jiffaċċja l-istess esponent f'dawka l-istess żminijiet, fl-opinjoni ta' l-istess esponent, l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien kienet qeda taġixxi b'mod skorret ħafna;*

12) *Illi kull ma kien ippubblika l-istess esponent, kien biss:*
*"....it seems that she is one of the mafia...."*

13) *Illi fi kliem ieħor, huwa qal biss li "....it seems...." u mhux "she is one of the mafia;"*

14) *Illi anke waqt l-istess trattazzjoni ta' l-istess parte ċivile* Dr. Abigail Critien *li kienet saret fit-28 ta' Ġunju 2021, l-istess Avukat tagħha qatt ma żeffen fin-nofs il-kelma Mafja;*

15) *Illi la darba, l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien qatt ma sostniet li kienet ħassita offiża bil-kliem "....it seems that she is one of the mafia...." għala l-istess Onorabbli Qrati kienu kkundanaw lill-istess esponent b'xi ħaġa li lanqas biss l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien qatt ma kient akkużatu biha;*

16) *Illi bażikament, l-istess parte ċivile* Dr. Abigail Critien *kienet sostniet li skond hija, l-istess esponent kien ried li:*
*i. Jirrejpja lill istess parte ċivile Dr. Abigail Critien ħalli jagħmel tarbija magħha w dana għax rat ritratt ta' tarbija, w*
*ii. Joqtol lill istess parte ċivile Dr. Abigail Critien għax skond hija l-istess esponent ried jiltaqa' magħha fil-Port, ossija, "....see you at the Port....;"*

17) *Illi kif ġa kien ġie żvelat fil-Qorti tal-Maġistrati, l-esponent rikorrent huwa persuna li barra huwa anzjan, ma huwiex wieħed ta' ċertu skola partikolari tant li huwa prattikament semi alfabeta;*

18) *Illi apparti mill-fatt li l-istess esponent rikorrent huwa persuna semi alfabeta, peress li kien għex numru ta' snin l-Italja, l-esponent rikorrent huwa aktar komdu li jitkellem bit-Taljan milli bl-Ingliż;*

19) *Illi l-istess esponent rikorrent, meta jrid jibgħad xi email, huwa jiddetta lill istess "Google Translator" daka kollu li jrid jgħid, u wara jagħmel "copy and paste" minn fuq innaħa tal-verżjoni Ingliża w jippejsta għal fuq l-istess email u jibgħata kif kien ikkopja minn fuq l-istess "Google Translator;"*

20) *Illi għaldaqstant, kull minn jirċievi xi email minn għand l-istess esponent rikorrent, kemm-il-darba jsib li ma jistgħax jifhem eżattament xi jrid ifisser bl-istess messaġġ, anke jekk huwa miktub bil-lingwa Ingliża;*

21) *Illi mhux l-ewwel darba, li min jirċivi messaġġ stramb, jispiċċa jċempel lura lill istess esponent rikorrent għal spjegazzjoni aktar ċara;*

*22) Illi għalhekk, malli tpoġġi dina l-istess frażi fuq il-"Google Translator," ossija* traduzzjoni litterali mill-Ingliż għat-Taljan, insibu li l-istess "Google Translator" *jittraduċi din il-frażi mill-Ingliża għat-Taljan hekk:*
*"lei è un medico sgradevole, ma lei è abbastanza più di uno che pensa, ma hai il mio bambino è molto arrabbiato per lei. In realtà sembra che lei è una della mafia che è molto incazzato, ci vediamo al Porte madame."*

*23) Illi għalhekk u kif taf ben tajjeb Din l-istess Onrabbli Qorti huwa verament komdu ħafna meta wieħed juża l-istess "Google Translator," minn naħa l-oħra, meta wieħed juża l-istess "Google Translator," għandu jsib li jkollu bżonn jikkoreġi kwalunkwe frażi li l-istess "Google Translator" jitraduċi;*

*24) Illi minn naħa l-oħra, wieħed jrid jkollu ċerta edukazzjoni w/jew għarfien sewwa taż-żewġ lingwi li l-istess "Google Translator" jkun ittraduċa;*

*25) Illi barra li l-istess esponent huwa limitat fil-lingwa, peress li l-istess esponent ma għandux snien f'ħalqu, meta d-detta per eżempju l-frażi su riferita, fost affarijiet oħra minflokk l-"Google Translator" kien kiteb "....ci vediamo alla Corte signora," l-istess "Google Translator" kien kiteb "....ci vediamo alla Porte signora;"*

*26) Illi għalhekk, l-"Google Translator" kien qaleb il-frazi "....ci vediamo alla Porte signora," ossija "....see you at the Porte madame" minflokk "....see you at the Court madame;"*

*27) Illi għalhekk, ħlief jiltaqa' quddiem* dawn l-istess Onorabbli Qrati tal-Ġustizzja, l-istess esponent qatt ma kellu raġuni valida għalfejn jiltaqa' kif kienet allegat l-istess parte ċivile fil-Port il-Kbir u/jew f'xi port ieħor;

*28) Illi kif ġa ġie suriferit, fost affarijiet oħra, Dr. Abigail Critien kienet allegat li skond hi, dan il-messagg kien ifisser li:*

*(a) Peress li barra l-erba rittratti ta' Dr. Abigail Critien kien hemm ukoll ir-rittratt ta' tifel, l-istess esponent ried jgħamel tarbija ma l-istess parte ċivile* Dr. Abigail Critien; *u li*
*(b) L-istess esponent rikorrent Publis sive Leo Said mhux biss ried jgħamel* tarbija ma *l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien imma wkoll ried joqtolha w/jew ried jpoġġi l-istess ħajja ta' l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien f'periklu ċar tant li dejjem skond l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien beżgħet issiefer nhar it-30 ta' Awissu 2019;*

*29) Illi minn naħa l-oħra, bħala parti mill-istess xhieda tagħha, l-istess parte ċivile* Dr. *Abigail Critien kienet ippreżentat diversi kopji tal-biljetti tal-Katamarran fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn fost affarijiet oħra, kien ħareġ ben ċar daqs il-kristall li wara li kienet rat l-istess post fuq l-istess "facebook," l-istess parte ċivile kienet marret tixtri żewġ biljetti għaż-żewġ ulieda minorenni, ossija, kienet xtrat żewġ biljetti POST FACTO, ossija, wara li kienet rat l-istess post fuq l-istess "facebook," u mhux qabel il-fatt;*

*30) Illi għaldaqstant, mill-*bidu nett, *l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-istess mori ta' l-istess Kawża "Il-Pulizija (Spettur Priscilla Caruana) vs. Publis sive Leo Said," kienet prattikament injorat għalkollox l-istess allegazzjonijiet ta' l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien għaliex*

*jekk kient żgura li kient ser tinqatel fil-Port, ossija, kif kienet hekk allegat l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien:*
*"....you will be swimming with the fishes....," ossija, "tkun qed tgħum mal-ħut;"*
*ossija, kif jagħmlu tal-MAFIA lill istess vitmi tagħhom, żgur li taħt il-Prinċipji bażiljarji tal-BONUS PATER FAMILIAS, u tad-"Duty of Care," w tal-prinċipju bażiljarju ta' "the best interests of the child" li l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien ma kienetx tmur tixtri ż-żewġ biljetti tal-Katamaran għat-tfal tagħha minorenni għal-Sqallija propju ġurnata wara li l-istess parte civile Dr. Abigail Critien rat l-istess "post" ta' l-istess esponent fuq l-istess "facebook," ossija, kienet xtrat żewġ biljetti POST FACTO;*

*31) Illi kien deher mill-bidu nett li rigward l-istess allegat perikolu għat-tfal tagħha w tar-raġel tagħha, w tagħha stess, l-istess allegat perikolu fil-Port, l-istess kredibilità ta' l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien kienet kemxejn dajfa speċjalment meta l-istess Maġistrat sedenti kkunsidrat li bħala omm, l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien kellha l-ewwel u qabel kollox iġġib quddiem għajneja l-Prinċipji bażiljarji tal-BONUS PATER FAMILIAS, u tad-"Duty of Care," w tal-prinċipju bażiljarju ta' "the best interests of the child," ossija, w speċjalment:*

*a) Il-kura, l-protezzjoni w is-sigurtà tat-tfal;*
*b) Il-benessri tat-tfal;*
*c) Is-sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, jiġifieri r-riskji għal istess tfal li qed jiffaċċjaw u s-sorsi ta' protezzjoni, reżiljenza w setgħa;*

*32) Illi ħadd ma jpoġġi lill istess uliedu f'perikolu ċar, meta jista' jiġi evitat l-istess perikolu ċar;*

*33) Illi fi kliem ieħor, l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati kienet mill-bidu nett injorat għalkollox l-istess allegazjonijiet ta' l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien għax ma hijiex xi ħaġa vero simili li omm tixtri biljetti għal Sqallija sabiex tara lill istess ulied minorenni maqtula quddiema stess w/jew li tpoġġi apposta l-istess ħajja ta' ulieda minorenni f'perikolu ċar fl-istess Port ta' Malta;*

*34) Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-istess espressjoni hekk użata mill-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien fl-istess xhieda tagħha, quddiem l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, ossija:*
*"....you will be swimming with the fishes....," ossija, "tkun qed tgħum mal-ħut;"*
*l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien użat dina l-istess cliché famużissima tal-gangster Amerikani li bażikament tfisser li l-istess għadu ta' l-istess gangsters jiġi maqtul u l-ġisem ta' l-istess għadu jintrema f'xi xmara, jew f'xi lag, jew f'xi baħar jew f'xi oċean, sabiex timpressjona waħda w sew lill istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, ossija, sabiex l-istess Maġistrat tieħu mill-bidu nett l-impressjoni negattiva li l-istess Esponent huwa bniedem ta' karattru ħażin jew ta' qattani;*

*35) Illi minn naħa l-oħra, l-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ma kienetx aċċettat l-istess arġumenti ta' l-istess parte ċivile li l-istess esponent huwa bniedem ta' karattru ħażin jew ta' qattani, ossija, li l-istess parte ċivile qatt ma kienet f'xi perikolu ċar daqs il-kristall, u li l-istess parte ċivile kienet esaġerat meta allegat li jekk tażżarda tinżel sal-Port, flimkien mar-raġel tagħha kif ukoll ma ulieda, huma kienu ser jispiċċaw "....swimming with the fishes...," ossija, "jgħumu mal-ħut" bħal ma jagħmlu tal-MAFJA lill istess għedewwa tagħhom;*

*36) Illi kif tgħallimna ben tajjeb din* l-istess Onorabbli Qorti, *skond il-Kawża "Il-Pulizija vs. Agius Thomas," l-Qorti ta' l-*Appell Kriminali (Inferjuri) kienet id-*deċidiet hekk:*
*"....Il-kunċett ta' perikolu mhux suxxettibbli għal gradazzjoni; wieħed ma jistax jitkellem dwar ħafna perikolu, jew ftit perikolu, jew perikolu imminenti: jew hemm perikolu jew m'hemmx....Il-fatt li....jista', bit-trapass taż-żmien, isir perikoluż ma jfissirx li hemm perikolu attwali...."*

*37) Illi għaldaqstant, la darba* l-istess Onorabbli Qorti tal-*Maġistrati kienet aċċettat l-istess arġumenti ta' l-*istess esponenti, ossija, li l-istess esponent:

*(i) Qatt ma ried jgħamel tarbija ma l-istess parte ċivile* Dr. Abigail Critien; *u fuq kollox*
*(ii) Qatt ma ried joqtolha w/jew jpoġġi l-ħajja ta' l-istess parte ċivile f'periklu ċar;*

l-istess Esponenti *ma jistgħax jifhem għala l-istess* Onorabbli Qorti *kienet imponiet fost affarijiet oħra €30 talli fl-istess "Post" fuq "facebook" kien hemm il-kelma "MAFIA;"*

*38) Illi għal dina l-istess raġuni, l-*istess esponenti ma jistax jaqbel kemm:

*(a) Mas-Sentenza ta' l-*istess Onorabbli Qorti tal-*Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura; kif ukoll*
*(b) Mas-Sentenza ta' l-*istess Onorabbli Qorti *ta' l-*Appell Kriminali;

*39) Illi kif jidher ben ċar daqs il-*kristall, *fuq l-istess "Post" fuq l-istess "facebook," u kif tista' tosserva ben tajjeb* dina l-istess Onorabbli Qorti, *tajjeb jew ħażin, l-istess "Google Translator" kien ittraduċa l-istess frażi bit-*Taljan:
*"....In effetti sembra che sia una mafiosa...."*
*bħala:*
*"....In fact it seems that she is one of the mafia...."*

*40) Illi fi kliem aktar sempliċi, imkien fuq l-istess "Post" fuq l-"facebook," bit-*Taljan, l-istess esponent *żgur li qatt ma qal li l-istess parte ċivile* li kienet membru tal-MAFJA;

*41) Illi jekk fil-verità,* l-istess Onorabbli Qorti tal-*Maġistrati kienet aċċettat l-istess argument ta' l-*istess esponent *li l-istess parte ċivile* Dr. Abigail Critien *qatt ma kienet fil-verità:*

*(a) Beżgħana li ssiefer nhar it-30 ta' Awissu 2019 għax ma kienetx xi ħaġa kredibli li l-*istess esponenti *kien ser joqtolha w/jew ried jpoġġi l-istess ħajja tagħha w/jew ta' l-istess familja tagħha f'periklu ċar; kif ukoll li l-istess parte ċivile* qatt ma kienet *fil-verità*
*(b) Beżgħana li l-*istess esponent *ried jgħamel tarbija ma l-istess parte ċivile, speċjalment meta l-istess parte ċivile kienet ben sapevoli li dika l-istess tarbija li hemm fir-rittratt fil-verità hija t-tifel ta' ċerta mara li l-istess parte ċivile kienet taf li jisimgħa* Rana Bimala;

l-istess Esponent *ma jistgħax jifhem għala l-istess* Onorabbli Qorti tal-*Maġistrati kienet aċċettat l-istess argument ta' l-istess parte ċivile li hija kienet ħassita malafamata bil-kliem:*
*"....In effetti sembra che sia una mafiosa...."*
*ossija:*
*"....In fact it seems that she is one of the mafia...."*

*42) Illi fi kliem ieħor, l-istess esponent qatt ma qal li l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien kienet xi waħda tal-MAFJA imma biss li:*
*"....it seems that she is one of the mafia...."*

*43) Illi l-istess esponent ma jistgħax jifhem ukoll minn fejn ġabet dawn l-istess idejat fantastiċi għax l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien kienet taf mill-bidu nett li l-istess esponent kien u għadu qed jakkuża lill-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien li hija ħadet b'mod abbużiv l-ammont ta' aktar minn €5,000 mill-istess kontijiet tas-Soċjetà "Fair Trading Limited," propjetà esklussiva ta' l-istess esponent;*

*44) Illi l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien taf ukoll li l-istess esponent rikorrent barra li mar għand l-istess Pulizija sabiex tipproċedi kontra l-istess arte ċivile kif ukoll kontra l-istess l-Uffiċju tagħha ossija Mifsud Bonnici Associates, huwa ġa fetaħ kawża sabiex jipproteġi l-interessi tiegħu b'mod ċivili quddiem Dawn l-Onorabbli Qrati;*

*Interpretazzjoni tal-Liġijiet suriferiti w l-ACTUS NON REUM FACIT, NISI MENS SIT REA:*

*45) Illi hu evident li bħala parti mill-istess Kwerela tagħhom, l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien kif ukoll l-istess Uffiċju tagħha ossija Mifsud Bonnici Associates kienu għaddew lista ta' Artikoli lill istess Prosekuzzjoni;*

*46) Illi l-esponent ma' kellu l-ebda intenzjoni li jdejjaq u/jew li jagħti fastidju lill-ħadd u għalhekk ma jistgħax jifhem għala kien qed jiġi akkużżat mill-istess Prosekuzzjoni bl-istess Artikoli hekk suġġeriti mill-istess parte ċivile kif ukoll mill-istess Uffiċju tagħha ossija Mifsud Bonnici Associates;*

*47) Illi barra minn hekk, l-intenzjoni ġenerika hija neċessarja li tiġi ppruvata mill-istess prosekuzzjoni; ħaġa illi fl-umli fehma ta' l-istess Esponent Rikorrent sa issa ma ġietx ippruvata w dan huwa peress li r-reat huwa delitt w jirrikjedu li tiġi ippruvata l-istess MENS REA;*

*48) Illi l-intenzjoni ta' l-istess esponent rikorrent kienet biss li mhux biss li jiskopri l-verità imma wkoll li l-istess parte ċivile kif ukoll l-Uffiċju tagħha ossija Mifsud Bonnici Associates jiddeżistu milli jkomplu jwettaqu dak li fil-fatt wetqu meta fil-fatt kemm l-istess parte ċivile kif ukoll l-Uffiċju tagħha ossija Mifsud Bonnici Associates kienu ben sapevoli li kemm hu, ossija l-istess esponent rikorrent, kif ukoll missieru illum il-mejjet s-Sur John Said, kienu ġa ħaslu dak kollu li kellhom pendenti bejniethom, ossija, bejn l-istess esponent rikorrent u missieru ma l-istess Uffiċju ta' Mifsud Bonnici Associates;*

*49) Illi għalhekk, għall-fatt biss tal-element intenzjonali, ossija l-MENS REA, li jirrikjedu l-imputazzjonijiet kollha, l-istess esponent rikorrent kellu jiġi liberat mill-akkużi kollha hekk miġjuba fil-konfront tiegħu;*

*50) Illi l-istess esponent rikorrent b'dispjeċir kbir kien qal li l-istess parte ċivile kienet qisa waħda tal-MAFJA, ossija:*
*"....it seems that she is one of the mafia...."*
*għaliex f'dak l-istess żmien, l-istess parte ċivile kienet qegħda tagħmel diversi impożizzjonijiet għal rikjesta ta' ħlasijiet eżorpitanti, speċjalment meta l-istess*

*organiżżazzjoni tagħha kienet ben sapevoli li l-istess rikjeti tagħhom kienu ġa ġew imħalsa mill-istes esponenti rikorrent kif ukoll minn Missieru;*

*51) Illi sa fejn jaf l-istess esponent rikorrent, Dawn l-istess Onorabbli Qrati ma humiex qegħdin hemm sabiex jiġġustifikaw kwalunkwe manipulazzjoni w/jew abbużi mill-istess sistema minn terzi identifikabbli speċjalment bl-impożizzjonijiet ta' rikjesta għal ħlasijiet eżorpitanti speċjalment meta l-istess terzi jkunu jafu li l-istess rikjeta tagħhom mhux biss hija abbużiva imma ukoll kienu jafu li l-istess taxxa uffiċjali kient ġa ġiet imħalsa mill-istess Esponenti Rikorrent kif ukoll minn Missieru tul il-perkors ta' l-istess Kawża quddiem Dawn l-istess Onorabbli Qrati;*

*52) Illi bla preġudizzju għas-suespost, u kif tgħallimna ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti, wieħed mill-Prinċipji bażiljari aċċettati minn Dawn l-istess Onorabbli Qrati, huwa l-Prinċipju bażiljaru ACTUS NON REUM FACIT, NISI MENS SIT REA li tfisser "Att ma jagħmilx il-persuna ħatja, sakemm l-intenzjoni ta' dik l-istess persuna hija wkoll ħatja;"*

*53) Illi fi kliem ieħor, sakemm l-intenzjoni ma tkunx kriminali, l-Att ma jistax ikun jista' jiġi mqajjem mill-kriminalità;*

*54) Illi kif tgħallimna wkoll ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti, dan il-maxim japplika biss għal każijiet kriminali; f'materji ċivili huwa mod ieħor;*

*55) Illi ACTUS REUS kultant jintuża biex jiddeskrivi l-imġiba pprojbita, ossija, l-Att;*

*56) Illi b'kwalunkwe mod, hemm preżunzjoni li hemm imġiba indipendenti mill-moħħ li tista' tkun ipprojbita bil-liġi;*

*57) Illi kif ġa ġie suriferit, ir-responsabbiltà kriminali teħtieġ ukoll il-MENS REA;*

*58) Illi r-responsabbiltà, għal reati serji hija stabbilita b'żewġ sejbiet:*

*(a) Illi l-istess esponent rikorrent aġixxa b'mod li kien ipprojbit, ossija, l-ACTUS REUS;*
*(b) Illi huwa kellu wkoll il-MENS REA fir-rigward ta' dik l-istess imġiba;*

*59) Illi dejjem skond Hart "Punishment, Guilt and Responsibility:"*
*"....For some centuries English law, like most civilised legal systems, has made liability to punishment for serious crimes depend not only on the accused doing the outward acts which the law forbids, but on his having done them in certain conditions which may broadly be termed mental, these mental conditions of responsibility are commonly referred to by lawyers as MENS REA...."*

*60) Illi fi kliem ieħor, u dejjem skond Hart, għal xi sekli, l-istess Liġi Ingliża, bħall-biċċa l-kbira tas-sistemi legali ċivilizzati, għamlet ir-responsabbiltà għall-kastig għar-reati serji jiddependi mhux biss fuq l-istess esponent rikorrent li jagħmel l-atti li l-istess Liġi tipprojbixxi, iżda fuq dak li jkun għamel taħt ċerti kondizzjonijiet li ġeneralment jistgħu jiġu imsejħa mentali, dawn il-kundizzjonijiet mentali ta' responsabbiltà huma komunement imsemmija mill-avukati bħala MENS REA;*

*61) Illi fi kliem ieħor, l-kundanna għad-delitt jeħtieġ mhux biss il-prova ta' att kriminali imma wkoll intenzjoni ta' l-istess esponent rikorrent;*

*62) Illi d-delitt normalment ma jkunx kommess jekk il-moħħ tal-persuna li jagħmel l-Att huwa innoċenti;*

*63) Illi kull ma ried l-istess esponent rikorrent huwa biss li la darba l-istess parte ċivile kif ukoll l-istess Uffiċju tagħha, ossija, Mifsud Bonnici Associates, kienu ben sapevoli li kemm hu, ossija l-istess esponent rikorrent, kif ukoll missieru illum il-mejjet s-Sur John Said, kienu ġa ħaslu dak kollu li kellhom pendenti bejniethom ma l-istess Uffiċju ta' Mifsud Bonnici Associates, l-istess Uffiċju ta' Mifsud Bonnici Associates kellhom b'effet immedjat jiddeżistu milli jkomplu bil-mixja tagħhom sabiex jiġbdu b'mod abbużiv l-ammont ta' aktar minn €5,000 mill-istess kontijiet tas-Soċjetà "Fair Trading Limited," propjetà esklussiva ta' l-istess Esponent;*

*64) Illi fi kliem ieħor, bil-kliem:*
*"....it seems that she is one of the mafia...."*
*il-"mental element" ta' l-istess esponent rikorrent kien biss li ma jiġix misruq b'mod abbużiv l-ammont ta' aktar minn €5,000 mill-istess kontijiet tas-Soċjetà "Fair Trading Limited," propjetà esklussiva ta' l-istess esponent;*

*65) Illi l-maxim ACTUS NON FACIT REUM NISI MENS SIT REA kien ġie esplorat per eżempju fil-kawża "Capt. Abdul Sattar Ahmed Pagarkar vs. R.H. Mendsonsa, Kummissarju tal-Pulizija;"*

*66) Illi l-"Bombay High Court" ta' l-Indja kienet iddikjarat li l-intenzjoni wara l-atti għandha tkun mifhuma;*

*67) Illi f'dan il-każ, il-"Bombay High Court" kienet iddikjarat li r-reati kollha li kienu qegħdin jiġu nvestigati kienu jeħtieġu li jiġu nvestigati wkoll l-eżistenza ta' intenzjoni ta' minn wettaq dawka l-istess reati w li fuq kollox minn wettaq dak ir-reati wettaqhom b'ċerta disonestà;*

*68) Illi intenzjoni ta' minn wettaq dawk ir-reati għandhom ikunu dawk ta' l-intenzjoni b'ċerta diżonestà li jikkawżaw telf inġust lill-persuna aggravata w gwadann inġust lil persuna li għandha tkun fil-mira ta' l-investigazzjoni w il-prosekuzzjoni li tirriżulta;*
*"....In the same judgment the Supreme Court held that a case of breach of trust is both a civil wrong and a criminal offence. There would be certain situations where it would predominantly be a civil wrong and may or may not amount to a criminal offence. In the instant case, a complaint was filed for offences punishable under Sections 406, 467 read with Sections 34 and 120B of the Penal Code. The property was trust property and one of the trustees was member of the settlor's family. The criminal proceedings were quashed by High Court in respect of two persons but they were allowed to be continued against the rest. It was held that the case in question was one of that type where, if at all, the facts may constitute a civil wrong and the ingredients of the criminal offences are wanting. In that matter the criminal proceedings was quashed by the Supreme Court.*
*ACTUS NON FACIT REUM NISI MENS SIT REA. The intention behind the acts is to be understood. In respect of the offences which are now in question, so far as the present matter is concerned, all offences need existence of an intention to commit an offence with dishonesty. These have to be dishonest intention of causing wrongful loss to the person aggrieved and wrongful gain to person who is to be the target of the investigation and resultant prosecution...."*

*69) Illi fil-Kawża "R. v. Sheppard," il-Qorti kienet iddeċidiet illi:*
*"....No more than that the definition of all or nearly all crimes contains not only an outward and visible element, but a mental element varying according to the different crimes....It may be said that the two important elements of crime examined from the view point of the offender are—*

*(i) Conduct on her part or act or action which constitutes the physical act which is objective; and*
*(ii) A guilty state of mind or a mind which is blame-worthy, which is the subjective element usually inferred from either—*
*(a) The facts and circumstances of the case; or*
*(b) On the basis of the proposition that a man intends the natural consequences of his act...."*

*70) Illi barra minn hekk, il-Qorti kienet iddeċidiet illi d-definizzjoni tal-kriminalità kollha jew kważi kollha fiha mhux biss l-element li hu barra w viżibbli, iżda element mentali li jvarja skont id-delitti differenti;*

*71) Illi jista' jingħad li ż-żewġ elementi importanti ta' kriminalità eżaminati mill-punt tad-dehra tal-ħati huma —*

*(i) Illi iwettaq il-parti jew l-Att jew l-azzjoni tiegħu li tikkostitwixxi l-Att fiżiku li huwa oġġettiv; u*
*(ii) l-istat tal-moħħ ħati li huwa ta' tort, li huwa l-element suġġettiv li normalment jiġi dedott minn jew —*
*(a) Il-fatti w iċ-ċirkostanzi tal-każ; jew*
*(b) Fuq il-bażi tal-propożizzjoni li bniedem ikun bi ħsiebu l-konsegwenzi naturali tal-Att tiegħu;*

*72) Illi fil-Kawża "Il-Pulizija vs Farrugia Marco Galea Kevin Micallef Hubert Mizzi Marcel," il-Qorti ta' l-Appell Kriminali d-deċidiet illi:*
*"....Ġjà la darba huwa neċessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bħal kull delitt ieħor, mhux biżżejjed li jiġi pruvat l-element materjali biss, iżda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju raġjonevoli, li kien jeżisti fl-istess ħin li qed isir l-att materjali, l-element tal-MENS REA, l-element formali, l-Qorti trid tara jekk in bażi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha w li apprezzat, setgħetx leġittimament u raġjonevolment tasal ukoll għall-konklużjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament għamlu dak l-att materjali li wassal għar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fiżikament ma għamluhx huma, għall-anqas setgħux miċ-ċirkostanzi raġjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attività fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni għas-soċjetà li huma d-diretturi tagħha, w, b'dan kollu, għalkemm kienu konsapevoli ta'dan, jew setgħu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma għamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attività.*
*Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li tagħmel hi, liema eżerċizzju ma tagħmlux sabiex tissostitwixxi dak li għamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta'dawk il-provi, setgħetx l-ewwel Qorti raġjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuża tant rikjesta, apparti l-aspett materjali...."*

*73) Illi l-Artikolu 251A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:*
*"Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:*

*(a) L-imġiba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew*
*(b) L-imġiba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew*
*(c) Fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli;"*

*74) Illi kif ġa ġie suriferit kemm il-darba, l-unika intenzjoni (MENS REA) li kellu l-istess esponent rikorrent huwa li jikxef il-verità w/jew li jikxef reat w/jew li jimpedixxi milli jsir xi reat;*

*75) Illi kif ġa ġie suriferit kemm il-darba, l-unika intenzjoni (MENS REA) li kellu l-istess esponent rikorrent kien li l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien kif ukoll l-Uffiċju tagħha ossija Mifsud Bonnici Associates jiddeżistu milli jkomplu jwettaqu dak li fil-fatt xjentament, malizzjożament u dolożament wetqu meta fil-fatt kemm l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien kif ukoll l-istess Uffiċju tagħha ossija Mifsud Bonnici Associates, kienu ben sapevoli li kemm hu, ossija l-istess esponent rikorrent, kif ukoll missieru, illum il-mejjet s-Sur John Said, kienu ġa ħaslu dak kollu li kellhom pendenti bejniethom, ossija bejn l-istess esponent rikorrent u missieru ma l-istess Uffiċju ta' Mifsud Bonnici Associates;*

*76) Illi għalhekk, għall-fatt biss tal-element intenzjonali, ossija l-MENS REA, li jirrikjedu l-imputazzjonijiet kollha, l-istess esponent rikorrent għandu jiġi illiberat mill-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu;*

*77) Illi għalhekk ukoll, ma jistgħax ikun iżjed ċar, kemm mix-xhieda li jrid jgħati l-istess esponent rikorrent w anke mix-xhieda li jistgħu jgħatu oħrajn, l-intenzjoni tal-istess esponent rikorrent kienet unika jiġifieri li jikxef il-verità w/jew li jikxef reat w/jew li jimpedixxi xi reat;*

*78) Illi kien propju għalhekk li l-istess esponent rikorrent uża l-"facebook" u dan dejjem sabiex jikxef il-verità w/jew li jikxef reat w/jew li jimpedixxi xi reat kif hekk jitolb l-istess Artikolu 251A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*79) Illi għalhekk, l-istess esponent rikorrent b'dispjeċir kbir kien qal li l-istess parte ċivile kienet qisa waħda tal-MAFJA, ossija:*
*"....it seems that she is one of the mafia...."*

*80) Illi kif ġa ġie suriferit, Dawn l-istess Onorabbli Qrati ma humiex hemm sabiex jiġġustifikaw kwalunkwe manipulazzjoni w/jew abbużi mill-istess sistema minn terzi;*

*81) identifikabbli speċjalment bl-impożizzjonijiet ta' rikjesta għal ħlasijiet eżorpitanti speċjalment meta l-istess terzi jkunu jafu li l-istess rikjeta minnhom mhux biss hija abbużiva imma ukoll kienu jafu li l-istess taxxa uffiċjali kient ġa ġiet imħalsa mill-istess esponenti rikorrent kif ukoll minn Missieru tul il-perkors ta' l-istess Kawża quddiem Dawn l-istess Onorabbli Qrati;*

*82) Illi fl-istess opinjoni ta' l-istess esponent, bl-istess aġir tiegħu, l-istess esponent kien qed jagħmel minn kollox s/biex jevita l-fabbrikazzjoni tal-provi minn minn suppost jaf aħjar;*

*Il-"Course of Counduct" - "Kors ta' Kondotta:"*

*83) Illi inoltre, mill-provi li sa issa huma akkwiżti fl-atti ma ġewx ippruvati l-elementi legali li isawwru dawn ir-reati suriferiti billi fost affarijiet oħrajn sa issa ma ġewx ippruvati dawk il-"course of counduct" li huma wkoll wieħed mill-elementi essenzjali sabiex tinstab ħtija għal dawn ir-reati kollha suriferiti;*

*84) Illi l-"Course of Counduct" - "Kors ta' Kondotta" tfisser "mudell ta' kondotta magħmul minn żewġ atti jew aktar, li jixhdu evidenza tal-kontinwità tal-għan;"*

*85) Illi bħala ben fatt, l-istess esponent rikorrent, fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward tal-każ in eżami, ma ried jgħati xi forma ta' fastidju lill istess Dr. Abigail Critien kif ukoll lill-istess Uffiċju tagħha ossija Mifsud Bonnici Associates;*

*86) Illi punt ieħor importanti huwa li kemm l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien kif ukoll l-istess Uffiċju tagħha, ossija, Mifsud Bonnici Associates mill-bidu nett setgħu waslu għall xi forma ta' kompromess ma l-istess esponent rikorrent billi qgħadu fuq mejda w iż-żewġ naħat jippreżentaw il-karti relevanti, ossija l-VAT Receipts li kienu ġa tħalsu kemm minn naħa ta' missier l-istess esponent rikorrent, ossia l-lum il-mejjet is-Sur John A. Said kif ukoll mill-istess esponent rikorrent sabiex toħroġ il-verità kollha kollha;*

*87) Illi għalhekk, li kieku ċ-ċekjaw sew l-inkartament u l-kontijiet kollha kollha, kemm l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien kif ukoll l-istess Uffiċju tagħha stess ossija Mifsud Bonnici Associates mill-bidu nett kienu jindunaw li huma ħadu xi ħaġa li fil-verità mhux suppost ħaduha minn għand is-Soċjetà propjetà esklussiva ta' l-istess esponent rikorrent;*

*88) Illi Din l-istess Onorabbli Qorti trid tiftakar li fil-kawża li kienet saret mill-istess intimat f'ishem "Fairtrading Limited" minħabba l-Mandat ta' Sekwestru li kienet għamlet l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien, l-Onorevoli Mħallef J.R. Micallef kien staqsa bejn wieħed w ieħor hekk lill istess Parte ċivile Dr. Abigail Critien:*
*"....Ġib kopja tal-kontijiet li kienu ppreżentati lill istess Missier Publius Said u lill istess Publius Said biex jiġi verifikati kemm il-kontijiet pendenti kif ukoll dak li qed jallega r-Rikorrent;"*

*89) Illi hu ovju li anke l-Onorevoli Mħallef J.R. Micallef kien jaf li jekk jiġu ċ-ċekjat il-VAT Receipts li kellu fil-pussess tiegħu l-istess esponent rikorrent, ossija l-pagamenti kollha li kienu ġa tħalsu kemm minn missier l-istess esponent rikorrent, ossia l-lum il-mejjet is-Sur John A. Said kif ukoll mill-istess esponent rikorrent kienet żgur toħroġ il-verità kollha kollha;*
*90) Illi għalhekk l-Onorevoli Mħallef J.R. Micallef kien talab li jiġu vverifikati l-VAT Receipts mal-kotba ta' l-istess Uffiċju tagħha ossija il-kotba ta' Mifsud Bonnici Associates;*

*91) Illi quddiem Awla nies, l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien ma kien sabet l-ebda diffikulta billi twieġeb xott xott:*
*"Ma tarax, kif jistgħa jkun, ma tarax;"*

*92) Illi wara li wiġbet hekk quddiem Awla nies, anke l-Onorevoli Mħallef J.R. Micallef kien baqa ċ-ċassat bit-tweġiba ta' l-istess Parte ċivile Dr. Abigail Critien;*

*93) Illi sentenza simili li tissostanzja l-elementi ta' xi reat simili għal dan hija dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Edwina Grima LL.D. Appell numru: 246/2015 deċiża fis-27 t'Ottubru 2016, "Il-Pulizija vs. Paul Spiteri;"*

*94) Illi bħal ma qalet ben tajjeb l-istess Qorti ta' l-Appell fil-Kawża "Il-Pulizija vs. Paul Spiteri," l-artikoli li qed jiġi akkużat bijhom l-istess Esponent Rikorrent jirrikkjedu wkoll il-'course of conduct;'*

*95) Illi kif qalet ukoll l-istess Qorti ta' l-Appell f'dik il-Kawża, ossija "Il-Pulizija vs. Paul Spiteri," l-'course of conduct' jew aħjar is-sistema ta' kondotta tal-persuna trid tkun tali illi ġġib apprensjoni jew biza' fuq il-vittma;*

*96) Illi l-kors ta' kondotta tfisser iż-żamma ripetuta ta' prossimità viżiva jew fiżika ma' persuna; direttament, indirettament, jew permezz ta' partijiet terzi, bi kwalunkwe azzjoni, metodu, apparat, jew mezz, li jsegwu, jimmonitorjaw, josservaw, jissorveljaw, jheddu, jew jikkomunikaw lil jew dwar, persuna, jew jinterferixxu mal-proprjetà ta' persuna; ripetutament twettaq fastidju kontra persuna; jew ripetutament iwassal, jew jikkawża li jintbagħtu, theddid verbali jew bil-miktub jew theddid mibgħut b'kull mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew theddid implikat minn kondotta jew taħlita tagħhom diretta lejn jew lejn persuna;*

*97) Illi fi kliem ieħor, il-Kors ta' kondotta huwa att li jseħħ aktar minn darba, kemm ikun qasir, fi żmien sena, li huwa dirett speċifikament lejk u juri skop kontinwu sabiex iġiegħel lil persuna raġonevoli tbati tbatija emozzjonali sostanzjali;*
*98) Illi l-Kors ta' kondotta jista' jinkludi l-imġieba li ġejja (magħmula direttament jew indirettament u bi kwalunkwe azzjoni, metodu, jew bi kwalunkwe apparat):*

*(a) Monitoraġġ;*
*(b) Josservaw;*
*(c) Issegwi;*
*(d) Thedded;*
*(e) Tikkomunika lilek jew dwarek; jew*
*(f) Jinterferixxi mal-proprjetà tiegħek;*

*99) Illi l-istess esponent rikorrent hu ta' l-opinjoni li f'dan il-każ bl-ebda mod ma jista' jingħad illi kien hemm xi wieħed minn dawn l-elementi;*

*100) Illi iktar w iktar, l-istess esponent rikorrent hu ta' l-opinjoni li f'dan il-Każ wiehed ma jistax jitkellem la fuq "course of conduct" u l-anqas fuq xi sistema ta' kondotta ta' l-istess esponent rikorrent li ġġib xi forma ta' apprensjoni jew ta' xi biza' kemm fuq l-allegata vittma, ossija l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien, u/jew xi persuni oħra li dejjem skond l-allegata vittma ġew b'xi mod affettwati bl-allegati sistema ta' kondotta ta' l-istess esponent rikorrent;*

*101) Illi l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien taf ukoll li barra li ma tistax titkellem la fuq "course of conduct" u l-anqas fuq xi sistema ta' kondotta ta' l-istess esponent rikorrent, hija taf ukoll li l-istess esponent rikorrent Publis sive Leo Said barra li mar għand il-Pulizija sabiex tipproċedi kontra l-istess parte ċivile kif ukoll kontra l-istess l-Uffiċju tagħha, ossija, Mifsud Bonnici Associates, l-istess sponent rikorrent kien fetaħ kawża sabiex jipproteġi l-interessi tiegħu b'mod ċivili quddiem Dawn l-istess Onorabbli Qrati;*

*102) Illi reati simili għall dawk suriferiti ġew prattikament interpretati anke mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali fil-Kawża "Il-Pulizija vs. Paul Spiteri," fejn qalet li l-element ta' prova jridu jkun tali illi l-persuna tkun instabet f'okkazjonijiet diversi jew ħatja jew bil-prezenza tagħha jew bl-aġir tagħha kkawżat din l-apprensjoni fuq l-allegat vittma;*

*103) Illi Din l-istess Onorabbli Qorti tista' tapprezza wkoll il-fatt li l-istess parte ċivile kif ukoll l-istess l-Uffiċju tagħha, ossija, Mifsud Bonnici Associates, għadhom ma tatw l-ebda motivazzjoni ċara fuq dawka l-istess allegati reati suriferiti li l-istess parte ċivile kif ukoll l-istess l-Uffiċju tagħha, ossija, Mifsud Bonnici Associates, jallegaw li twettqu għax effetivament u fil-verità, l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien kif ukoll l-istess l-Uffiċju tagħha ossija Mifsud Bonnici Associates jafu li ma jirriżultawx;*

*104) Illi l-elementi materjali tal-fatt għal dawn it-tip ta' reati (l-ACTUS REUS) fl-imputazzjonijiet fil-Kawża quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali fl-Kawża "Il-Pulizija (Spettur Priscilla Caruana) vs. Publis sive Leo Said," kienu ftit jew wisq neqsin minn kwalifikazzjonijiet neċessarji għax l-imputazzjonijiet suriferiti kienu jirrikjedu l-istess "course of counduct" u għaldaqstant l-element materjali għandhom huma nieqsa;*

*105) Illi għaldaqstant, l-istess esponent jinterponi dan l-umli rikors u jitlob umilment lill Din l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa dan ir-Rikors, u dan billi Din l-istess Onorabbli Qorti tiddikjara lill esponent rikorrent ma kienx ħati ta' l-istess akkużi w konsegwentament kellu jiġi lliberat minnhom kollha;*

*Artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*106) Illi dejjem bla preġudizzju għal fatt li l-istess l-esponent rikorrent qed dejjem jsostni l-istess innoċenza tiegħu, l-istess l-esponent rikorrent huwa ta' l-opinjoni li Dina l-istess Onorabbli Qorti għanda tordna li tiġi irtirata mill-att ta' l-akkuza kull akkuża li l-istess Pulizija kienu resqu kontra l-istess l-esponent rikorrent quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali fl-Kawża "Il-Pulizija (Spettur Priscilla Caruana) vs. Publis sive Leo Said," w dana dejjem abbażi ta' per eżempju:*

*(a) Il-Kawża "IL-PULIZIJA vs Joseph Mary Ebejer" hekk deċiża fit-22 ta' Lulju 2020 mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. Simone Grech LL.D) Distrett Qormi;*
*(b) Il-Kawża bin-numru 50/2017, fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Salvatore La Rocca," deċiża fis-sebgħa (7) ta' Frar 2019;*
*(c) Il-Kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Francine Cini" deċiża fl-24 ta' Lulju 2017;*
*(d) Is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mark Camilleri," deċiża fit-28 ta' Marzu, 2019, ossija:*

*"....Illi fis-seduta tat-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), quddiem din il-Qorti, Dr Andrew Sciberras, l-Avukat difensur tal-appellant spjega li fis-sentenza appellata, l-Rikorrent kien instab ħati taħt l-artikolu 49 tal-Kap 399 abbinat mal-artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali. Iżid igħid però li bl-att XI tal-2018 li daħal fis-seħħ fl-24 ta' April, 2018 u għalhekk fil-mori tal-proċeduri ta' dan l-appell u wara sentenza tal-ewwel Qorti, l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali ġie mħassar (X1.2018.25) filwaqt bl-istess Att (XI.2018.32) żdied proviso għal-artikolu 49 tal-Kap 399 fejn ukoll ġiet eskluża l-ħtija taħt dik il-liġi meta l-kliem malafamanti jistgħu jgħatu lok għall*

*malafama jew inġurja skont l-att dwar il-Media....Din il-Onorabbli Qorti sejra tibda billi teżamina jekk dawn l-emendi li saru fil-mori ta' l-Appell u għalhekk din il-Onorabbli Qorti sejra tikkunsidra it-tieni akkuża miġjuba fil-konfront tal-appellant taħt l-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat permezz ta' Att XI.2018.32 u ċioè li għamel użu mhux xieraq minn sistema jew apparat tal–komunikazzjoni eletronici billi immalafama lill-Mario Calleja....Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att...."*

*107) Illi għaldaqstant l-aggravju principali ta' l-istess l-esponent rikorrent quddiem Dina l-istess Onorabbli Qorti huma dak li jirrigwardaw l-istess kostatazzjoni ta' l-istess akkużi hekk maħruġa mill-istess Pulizija fil-konfront ta' l-istess l-esponent rikorrent;*

*108) Illi fl-opinjoni ta' l-istess l-esponent rikorrent, l-istess Pulizija qatt ma setgħu jinvokaw l-istess Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat permezz ta' Att XI.2018.32 sabiex tattakka lill istess l-esponent rikorrent;*

*109) Illi kif ġa ġie suriferit u kif tgħallimna ben tajjeb Dina l-istess Onorabbli Qorti, wieħed mill-prinċipji bażiljarji aċċettabbli anke minn Dawna l-istess Onorabbli Qrati huwa l-prinċipju bażiljarju UBI LEX VOLUIT, DIXIT, UBI NOLUIT TACUIT;*

*110) Illi għaldaqstant, la darba fis-sentenza moghtija mill-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mark Camilleri," deċiża fit-28 ta' Marzu, 2019, l-istess Onorabbli Qorti sostniet illi:*
*"....L-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali ġie mħassar (X1.2018.25) filwaqt bl-istess Att (XI.2018.32) żdied proviso għal-artikolu 49 tal-Kap 399 fejn ukoll ġiet eskluża l-ħtija taħt dik il-liġi meta l-kliem malafamanti jistgħu jgħatu lok għall malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Media.....Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja w l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att...." ossija, taht l-istess Artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*u la darba l-istess brocardo UBI LEX VOLUIT, DIXIT, UBI NOLUIT TACUIT ifisser li meta l-liġi riedet tirregola l-kwistjoni f'aktar dettall, hija rregolat il-kwistjoni; meta ma riedx tirregola l-kwistjoni f'aktar dettall, tibqa' sieketa, sal-ġurnata tal-lum, l-istess esponent rikorrent ma jistgħax jifhemm għala la darba fl-interpretazzjoni ta' liġi, interpretazzjoni espansiva żżejjed tista' forsi tmur lil hinn mill-intenzjoni tal-leġiżlatur, l-istess esponent kien ġie misjub ħati għax fl-istess "Post" fuq "facebook" kien hemm il-kelma "MAFIA" meta tajjeb jew ħażin, l-istess "Google Translator" kien ittraduċa l-istess frażi bit-Taljan:*
*"....In effetti sembra che sia una mafiosa...."*
*bħala:*
*"....In fact it seems that she is one of the mafia...."*

*111) Illi għalhekk, fl-opinjoni ta' l-istess esponent rikorrent, l-istess Onorabbli Qrati kellhom jżommu ma' dak li hemm fit-test tal-liġi w ma tieħu l-ebda konsegwenzi materjali mis-skiet tal-liġi;*

*112) Illi per eżempju, fil-Kawża "BONGAILAS MARCO vs MAGRI JOHN ET," il-Qorti ta' l-Appell kienet iddeċidiet illi:4*
*"....L-aggravju prinċipali hu dak li jirrigwarda l-kostatazzjoni tal-ewwel Qorti illi l-ACTIO PAULIANA ma setgħetx tiġi invokata biex tattakka konvenju għat-trasferiment ta' immobbli għaliex il-ligi meta titkellem dwar il-konvenji ma ssemmiex ir-rimedju mitlub mill-attur – UBI LEX VOLUIT, DIXIT; UBI NON DIXIT NON VOLUIT – għalhekk l-uniku rimedju huwa dak tad-danni...."*

*113) Illi għaldaqstant, u kif ġa ġie rilevat mill-istess esponent rikorrent w kif qed jiġi suriferit, l-istess l-esponent rikorrent huwa ta' l-opinjoni li la darba l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mark Camilleri," deċiża fit-28 ta' Marzu, 20-19, l-istess Onorabbli Qorti sostniet illi:*
*"....sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja w l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att...."*

*Dina l-istess Onorabbli Qorti għanda tordna b'effet immedjat li tiġi irtirata mill-Att ta' l-akkuza kull akkuża li l-istess Pulizija kienet resqet kontra l-istess l-Esponent Rikorrent quddiem l-istess l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali fl-Kawża "Il-Pulizija (Spettur Priscilla Caruana) vs. Publis sive Leo Said,"5 w dana dejjem abbażi ta' l-istess Kawżi suriferiti w dejjem abbażi tal-prinċipju bażiljarju aċċettabbli anke minn Dawna l-istess Onorabbli Qrati, ossija, l-prinċipju bażiljarju UBI LEX NON DISTINGUIT, NEC NOS DISTINGUERE DEBEMUS li tfisser "Fejn il-liġi ma tiddistingwix, il-Qrati ma għandhomx jiddistingwu;"*

*114) lli għaldaqstant, abbażi dejjem ta' l-istess ġurisprudenza kostanti lokali, anke jekk l-istess l-esponent rikorrent jibqa' dejjem isostni l-istess innoċenza tiegħu, Dina l-istess Onorabbli Qorti qegħda tiġi mistidna wkoll li taqta' w tiddeċidi billi b'effet immedjat tillibera lill istess rikorrent minn kull kundanna w minn kull ħtija w dana dejjem abbażi ta' l-istess Kawża "IL-PULIZIJA vs Joseph Mary Ebejer" hekk deċiża fit-22 ta' Lulju 2020 mill-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. Simone Grech LL.D) Distrett Qormi;*
*"....Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att...."*

Illi wara li hekk ippremetta l-attur talba lil Qorti:

*1) Tiddikjara li bis-sentenza hekk mogħtija mill-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura fit-13 ta' Lulju 2021 mill-Onorevoli Maġistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit, liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Ottubru 2021 mill-Onorevoli Mħallef Dr. Edwina Grima, LL.D., l-istess sentenzi ħonqu mhux biss il-libertà tal-espressjoni w id-dritt għall-informazzjoni ta' l-istess rikorrent w għaldaqstant ivvjolaw l-istess drittijiet fundamentali tar-rikorrent rigward l-istess dritt tiegħu għall-libertà tal-espressjoni w għad-dritt għall-informazzjoni imma wkoll bl-istess sentenzi ħonqu id-dritt tar-Rikorrent*

*għal smigħ xieraq kif provdut f'Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta w f'Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporati fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta w dana peress li apparti l-fatt li l-istess Esponent Rikorrent fl-ebda ħin ma kien qal li l-istess parte ċivile Dr. Abigail Critien kienet "Tal-MAFJA," abbażi anke ta' l-prinċipju bażiljarju UBI LEX NON DISTINGUIT, NEC NOS DISTINGUERE DEBEMUS, l-istess esponent rikorrent qatt ma kellu jiġi akkuzat bl-istess atti ta' akkuża fil-Kawża "Il-Pulizija (Spettur Priscilla Caruana) vs. Publis sive Leo Said," u dana dejjem abbażi ta' "....sempliċi kliem....jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja w l-Malafama...." ossija, l-istess esponent rikorrent ma kellux jiġi akkużat taħt l-istess Artikoli tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija, l-Att biex jirregola komunikazzjonijiet elettroniċi;*

*2) Taghti kull provvediment u/jew rimedju ieħor xieraq w opportun sabiex jiġi żgurat kemm il-libertà ta' l-espressjoni w id-dritt għall-informazzjoni ta' l-istess rikorrent kif ukoll għat-twettiq tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq;*

*3) Tiddikjara bħala nulla w bla effett kemm is-sentenza moghtija mill-istess Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura fit-13 ta' Lulju 2021 mill-Onorevoli Maġistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit, kif ukoll is-sentenza li kienet ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Ottubru 2021 mill-Onorevoli Mħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.;*

*4) Taghti kumpens xieraq għad-danni morali hekk sofferti mir-Rikorrent;*

*Bl-ispejjez anke tal-preżenti w b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent kontra l-intimat minn issa ngunt sabiex jidher għas-subizzjoni.*

*Bl-ispejjeż anke tal-preżenti.*

Rat ir-risposta ta' l-Avukat ta' l-Istat ippreżentata nhar il- 11 ta' Awwissu 2022, permezz ta' liema eċċepiexxiet:-

1) *Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed jallega li bis-sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu fit-13 ta' Lulju, 2021 u fid-29 ta' Ottubru, 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali rispettivament huwa ġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċiti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tad-dritt fundamentali għal-libertà tal-espressjoni u d-dritt għall-informazzjoni.*

2) *Illi l-pretensjonijiet u t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

3) *Illi preliminarjament, l-esponent huwa tal-fehma li r-rikors promotur ma jħarisx dak indikat fl-Artikolu 159(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement, ai termini tal-Artikolu 159(2) tal-Kap. 12, jista' jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tagħti dawk l-ordnijiet neċessarji sabiex tiżgura li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jiġu mħarsa.*

4) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jibda billi jingħad li din l-Onorabbli Qorti ma tistax u m'għandiex isservi bħala qorti tat-tielet istanza. Huwa manifestament*

*ċar li fir-rikors promotur, ir-rikorrent ressaq l-istess argumenti li hu għamel fil-kawża kriminali tiegħu u apparti minn hekk qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti timponi l-opinjoni tagħha minflok dik espressa mill-qrati ordinarji. L-uniku analiżi li din l-Onorabbli Qorti għandha tagħmel huwa jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ġewx leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.*

5) *Illi in kwantu għall-allegat ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, l-esponent ma jistax jifhem l-argument tar-rikorrent fejn hu jallega li "bl-istess sentenzi ħonqu d-dritt tar-Rikorrent għal smigħ xieraq". Assolutament ma ġiex spjegat kif is-sentenzi mogħtija kontrih huma leżivi tad-dritt għal smigħ xieraq u l-esponent ma jistax jifhem liema proċeduri ġudizzjarji li fihom qiegħed jipparteċipa r-rikorrent ġew jew ser jiġu preġudikati b'dawn is-sentenzi.*

6) *Illi jekk l-argument tar-rikorrent huwa li b'xi mod jew ieħor ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq matul il-proċess penali tiegħu, dan l-argument huwa assolutament infondat. Kif diġà ngħad, fir-rikors promotur ir-rikorrent ressaq diversi punti dwar il-mertu tal-kawża kriminali tiegħu iżda dawn il-punti huma kompletament irrilevanti għall-każ odjern. Huwa paċifiku li d-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantixxix il-korrettezza ta' sentenzi fil-mertu iżda jiggarantixxi biss li ċerti prinċipji proċedurali fundamentali għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja jiġu mħarsa. Minn dan l-aspett, imkien ma jidher li seħħ xi nuqqas jew nuqqasijiet proċedurali tant serji li wasslu għall-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq.*

7) *Illi in kwantu għall-allegat ksur tal-jedd għal-libertà tal-espressjoni u d-dritt għall-informazzjoni, l-esponent jibda billi josserva li r-rikorrent ma speċifikax jekk qiegħed jallega ksur tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jew it-tnejn li huma u għalhekk ikun opportun li hu jindika preċiżament liema minn dawn l-artikoli qiegħed jinvoka.*

8) *Illi fi kwalunkwe każ iżda, din l-allegazzjoni hi infondata fil-fatt u fid-dritt. L-ewwelnett, u għal kull buon fini, imkien fir-rikors promotur ma jingħad li r-rikorrent b'xi mod jew ieħor ġie mċaħħad milli jirċievi informazzjoni u għalhekk ċertament ma seħħet ebda leżjoni abbażi ta' dan.*

*In kwantu għal-libertà tal-espressjoni per se, għandu jiġi mfakkar li kemm fl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, dan id-dritt mhuwiex wieħed assolut iżda fit-tnejn li huma hi konċessa l-possibilità li jkun hemm restrizzjonijiet fuqu.*

*B'mod aktar speċifiku għall-każ odjern, l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni jispeċifika li interferenza tista' ssir jekk tkun raġonevolment meħtieġa fl-interess tal-ordni pubbliku jew sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra. Intant, l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jgħid li l-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà tal-espressjoni jġib miegħu dmirijiet u jista' jkun suġġettat għal restrizzjonijiet kif preskritt b'liġi u meħtieġa f'soċjetà demokratika sabiex inter alia jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti jew għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor.*

*Ma għandu jkun hemm ebda dubju li d-diskors użat mir-rikorrent qatt ma jista' jiġi protett bis-saħħa tal-jedd tiegħu għal-libertà tal-espressjoni. F'dan il-każ, ir-rikorrent kien mixli b'diversi imputazzjonijiet u fil-fatt ġie misjub ħati li kiser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta u cioè li għamel*

*użu mhux xieraq ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika. L-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali qablet mal-fehma tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati u fis-sentenza tagħha rraġunat:*

*"Dan maghdud, madanakollu, huwa indubitat illi d-diċitura adoperata mill-appellant tirrifletti r-rabja u l-frustrazzjoni tiegħu fil-konfront tal-kwerelanti (li setgħet kienet fondata u setgħet ma kenitx),* ***tant illi kienet certament intiża sabiex tivvessaha u iddejjaqha.*** *Il-post li tella' l-appellant fuq il-facebook kien indubbjament wiehed intiż sabiex juri sens ta' disapprovazzjoni għal dak li dehrlu li ma kienx aġir professjonali u etiku minn naħa tal-Avukat Critien u li kien saħansitra qed iqabbilha ma' persuna assoċjata ma' organizazzjoni kriminali. Illi allura* ***anke jekk il-kliem ma kienx inġurjuż u lanqas jikkostitwixxi theddid, certament kien kliem ingarbuljat u neboluż, mimli sottointiżi abbinati ma' ritratti tal-kwerelanti mtella' fuq dan is-sit mingħajr il-kunsens tagħha flimkien ma' ritratt ta' tarbija, li wasslu biex jivvessaw lill-Avukat u li jidher li qanqlu biża' fiha għal inkolumità tagħha u tal-familja tagħha.*** *Illi allura ghalkemm l-aġir ma jistax jinkwadra ruħu taht dak maħsub fl-artikolu 49(b), madanakollu* ***l-imġieba tal-appellant fuq il-midja soċjali certament jammonta għal "użu ieħor mhux xieraq" kif mahsub fis-sub-inċiz (c) għal dan l-artikolu tal-liġi.*** *" [Enfasi tal-konvenut]*

*Ma għandu jkun hemm ebda dubju li l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 qatt ma kienu intenzjonati sabiex jippermettu li jsiru attakki bla qies fil-konfront ta' individwi u ma għandu jkun hemm ebda dubju wkoll li dak li r-rikorrent esprima fuq Facebook imur lil hinn mill-parametri ta' dak permessibbli taħt dawn l-artikoli. Għalhekk, ċertament ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-libertà tal-espressjoni tar-rikorrent.*

9) *Illi magħdud dan kollu, ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda. Ulterjorment, l-esponent huwa tal-fehma li din il-kawża hi sempliċiment frivola u vessatorja u konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti għandha tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 10 tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

10) *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma nhar it-23 ta' Settembru 2022[6] minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, meta l-Avukat Dr Carmel Gatt, f'isem l-attur, iċċara illi l-bixra ta' l-azzjoni Kostituzzjonali mibdija mill-attur  hija maħsuba biex jattakka s-siwi tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati Kriminali u li sabuh ħati talli inġurja lill-Avukat Dr Abigail Critien[7].

Rat li wara din il-kjarifika l-konvenut irtira t-tielet eċċezzjoni tiegħu.

---

[6] A fol 35.

[7] La darba kull referenza għal Dr Abigail Critien hija referenza għaliha fil-vesti tagħha ta' avukat prattikanti u mhux fil-vesti tagħha ta' Maġistrat (kariga li hija tokkupa llum) f'din is-sentenza, u biex ikun ċar f'liema vesti qed issir referenza għaliha, il-Qorti ser tirreferi għaliha bħala l-Avukat Dr Abigail Critien jew l-Avukat Dr Critien.

Rat id-digriet tal-Unur Tiegħu il-Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti tat-13 ta' Jannar 2023 permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.[8]

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

## PRELIMINARI

Illi mill-espożizjoni ta' fatti fir-rikors promutur, ripetittiv għall-aħħar u inutilment voluminuż, jista' jingħad li l-punti saljenti li jemerġu huma s-segwenti:

- L-attur tella' post fuq il-Facebook account tiegħu li tidher li kienet indirizzata lill-Avukat Dr Abigail Critien; il-post kienet tinkludi kliem u ritratti.
- L-attur jiċħad li qal li l-Avukat Dr Abigail Critien hi membru tal-mafia, li ried jagħmel tarbija magħha, jew li kellu intenzjoni joqtol lilha jew lill-familja tagħha.
- Jgħid li mhux veru li kienet beżgħana minnu tant li xtrat biljetti għat-tfal tagħha biex isiefru bil-katamaran mill-istess port fejn kienet qed tallega li r-rikorrent kien qed jippjana li jweġġagħha.
- Jgħid li qatt ma kellu l-mens rea biex jagħmel xi reat minn dawk li kien akkużat bihom.
- L-intenzjoni tiegħu kienet li l-Avukat Dr Critien u l-uffiċċju tagħha jieqfu jfittxuh għall-ħlas li allegatament kien dovut minn missieru u minnu lill-uffiċċju tagħha, u għalhekk għamel hekk biex jikxef il-verita'. Qal li huma tħallsu żżejjed għal xogħol li għamlu dwar kumpanija tiegħu Fairtrading Limited.
- Jgħid li lil l-Avukat Dr Critien qatt ma qagħad isegwiha jew idejjaqha.
- Jinsisti li qatt ma kellu jinstab ħati tar-reati li ġie imputat bihom.
- Jgħid li qed isofri minn ksur tad-dritt tal-liberta tal-espressjoni, dritt għall-informazzjoni u dritt għal smigħ xieraq, bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għax qatt ma qal li Dr Critien kienet '*tal-mafia*' u qatt ma kellu jiġi akkużat b'reati relatati ma' dawn l-episodji.
- Talab li l-Qorti tiddikjara s-sentenzi kriminali tal-prim' istanza u ta' l-appell nulli u tikkumpensah b'danni morali.

[8] A fol 44.

# IL-PROVI

Illi l-attur Publis sive Leo Said xehed f'depożizzjoni twila ħafna[9]; in suċċint jgħid li:-

- Missieru miet fis-7 ta' Frar 2017 u ħalla kawża ta' €300,000.
- Sentejn wara li miet missieru, hu sar direttur tal-kumpanija li kienet parti f'din il-kawża.
- L-avukat tiegħu Dr Sarah Grech waqfet tiddefendieh għax hu ma kienx direttur magħruf mill-MFSA.
- Jallega li l-Avukat Dr Abigail Critien ħadet ħamest elef Ewro mill-assi tal-kumpanija, dan in forza ta' digriet tal-Qorti.
- Hu beda proċeduri l-Qorti biex iġib lura s-somma ta'  ħamest elef Ewro.
- Il-proċedura kellha rregolaritajiet u kellha terġa' tibda mill-bidu.
- Kellu avukati oħra, mid-ditta tal-avukati li qabel kienet tifforma parti minnha l-Onor. Imħallef Joanne Vella Cuschieri. Dr Carina bdiet tiddefendieh meta Dr Vella Cuschieri laħqet imħallef; imbagħad minflok Dr Carina kompliet tiddifendih l-Avukat Dr Abigail Critien. Hu ma ħax pjaċir li l-Avukat Dr Critien kienet se tieħu ħsieb il-każ tiegħu għax skont hu, fil-proċeduri l-oħra fejn kienet tidher għalih, qarrqet bih.
- Kien għalhekk li ħareġ ir-rabja kollha tiegħu dwar dak kollu li kien qed jiġri fuq Facebook.
- Wara li tella' l-posts fuq Facebook bagħat għalih l-Ipsettur tal-Belt biex kellmu u wara tressaq il-Qorti.
- Il-Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati li semma l-kelma *'mafia'* pero hu jsostni li ma qalx li l-Avukat Dr Critien '*hi fil-mafia*' imma '*you seem that you are in the mafia*'.
- Għamel din il-kawża għaliex fil-proċeduri kriminali dwar dak li kiteb fuq Facebook ma messux instab ħati.

Illi fuq talba tal-konvenut l-Avukat tal-Istat ġew allegati l-atti tal-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent, li allura jikkostitwixxu prova f'din il-kawża. Minn qari ta'l-atti tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali jirriżulta s-segwenti:

- L-attur kien akkużat bi ksur ta' dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 399 u tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-akkużi kienu dwar użu ta' network b'mod mhux xieraq, u talli nġurja u heddeh lil l-Avukat Dr Abigail Critien.
- L-attur ipparteċipa fil-proċeduri penali tentati kontra tiegħu: deher għas-seduti kollha, għal xi uħud mis-seduti  ma riedx li jkun assistit minn avukat għal seduti oħra u meta hekk xtaq /kien assistit minn avukat; għamel il-kontro-

[9] Depozizzjoni a fol 37.

eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; offra id-depozizzjoni tiegħu; u hu stess għamel is-sottomissjonijiet finali dwar il-każ.
- Fil-kors ta'l-proċeduri kriminali ppreżenta żewġ rikorsi: permezz ta' wieħed minnhom talab li jittieħdu porċeduri penali kontra l-Avukat Dr Abigail Critien; u permezz ta'l-ieħor, preżentata wara l-egħluq tal-provi, talab li jiġi inġunt xhud. Iż-żewġ rikorsi ġġew miċħuda għal raġunijiet elenkati fid-degrieti relattivi.
- Il-Qorti tal-Maġistrati, permezz ta' sentenza mgħotija fit-13 ta' Lulju 2021, sabet lill-attur ħati ta' akkuża waħda biss minn dawk miġjuba kontra tiegħu, ikkundannatu multa ta' tlettin Ewro (€30) u imponiet garanzija fit-termini ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9.
- L-attur appella minn din is-sentenza.
- Fil-kors ta' l-appell l-attur attenda għall-kull seduta u għamel sottomossjonijiet.
- L-appell ġie deċiż fid-29 t'Ottubru 2021[10]. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienet konfermata pero' nstabet ħtija biss fuq l-akkuża a bażi tal-artikolu 49(c) tal-Kap 399, għalhekk finalment l-attur instab ħati biss fuq parti mill-ewwel akkuża.

## IT-TALBIET u L-EĊĊEZZJONIJIET

Illi permezz tat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur l-attur jallega il-ksur ta' d-dritt tiegħu:
- għal smigħ xieraq kif provdut f'Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[11] u f'Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[12]; u
- għall-libertà tal-espressjoni u għad-dritt għall-informazzjoni[13].

Dan minħabba is-sejbien ta' ħtija fil-proċeduri penali tentati fil-konfront tiegħu.

Illi da parti tiegħu l-Avukat ta'l-Istat jirrespinġi bħala infondata fil-fatt u fid-dritt kull allegazzjoni ta'l-attur. L-eċċezzjonijiet tiegħu huma bażati primarjament fuq il-fehma li l-attur qiegħed jadixxi lil din il-Qorti bħala Qorti tat-tielet istanza biex jirrevedi sentenza finali mgħotija fil-konfront ta'l-attur mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali. Mingħajr preġudizzju għal dan il-konvenut jeċċepixxi li fi kwalunkwe każ ma seħħ l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali imsemmija mill-attur.

[10] Appell Nru 217/2021.
[11] Ai fini ta' din is-sentenza imsejħa "il-Kostituzzjoni".
[12] Ai fini ta' din is-sentenza imsejħa "il-Konvenzjoni".
[13] Fir-rigward ta' dan id-dritt l-attur baqa' qatt ma speċifika jekk kienx qed jallega ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni jew tat-tnejn u wisq anqas speċifika l-artikoli relevanti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti tistqarr mill-ewwel li hija tikkondividi l-fehma ta'l-Avukat ta'l-Istat espressa f'l-eċċezzjoni primarja tiegħu u cioe li l-attur qed uża dawn il-proċeduri bħala appell ieħor mis-sejbin ta' ħtija fil-proċeduri penali tentati fil-konfront tiegħu.

Illi dan jemerġi kemm mir-rikors promotur, kemm mid-depozizzjoni ta' l-attur, kif ukoll mis-sottomissjonijiet tiegħu.

Illi fir-rikors promutur l-attur jagħmel referenza ampja għal dak li hi l-verzjoni tiegħu ta' dak kollu li wassal biex inbdew il-proċeduri penali kontrih u dak li seħħ waqthom. Isemmi fatti li irrabjawh ħafna u jgħid li kienet b'reazzjoni għal dawn il-fatti li hu tella' dawk il-Facebook posts. Isostni li qatt ma kellu l-intenzjoni mitluba mil-liġi biex jitwettaq reat kriminali (mens rea). Jispjega ukoll kif dak il-kliem li uża fil-Facebook posts ittraduċieh b'l-għajnuna ta' *google translate* u li t-traduzzjoni ma kenitx waħda korretta, b'mod li l-kliem li uża ma kienx jirrifletti dak li ried jgħid. Spjega kif hu ma ried iweġġa' lil ħadd imma kien irrabjat għal sistema li skont hu ma taħdimx. Waqt li jgħid x'ġara, l-attur ripetutament jinsisti li l-imġieba tiegħu ma tammontax għal reat kriminali u għalhekk ma messux tressaq il-qorti. Aktar minn hekk fir-rikors promotur l-attur b'mod dirett jgħid li ma jistax jaqbel mas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell u dan minħabba li jikkontesta l-fatti lilu imputati[14]. Fir-rikors promotur jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li hu ma kienx ħati ta' dawn l-akkużi u li tilliberah mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu[15].

Illi mbagħad, fid-depożizzjoni tiegħu, l-attur jitkellem biss fuq il-mertu tal-proċeduri kriminali. Imkien ma jissemma xi nuqqas proċedurali li minħabba fih seta' ħass li ġie mċaħħad milli jkollu aċċess għall-qorti, lanqas isemmi xi ċirkostanza fejn il-qorti setgħet tat iktar opportunita' lill-prosekuzzjoni milli lid-difiża u allura ħolqot żbilanċ. L-ilmenti tiegħu huma kollha fuq il-mertu tal-każ u ċioe' li ma messux tressaq il-qorti, li ma wettaqx dawk ir-reati u li l-kliem u r-ritratti li tella' fuq Facebook ma kienux maħsuba biex iweġġgħu jew ibeżżgħu lil xi ħadd u jekk kellhom dan l-effett, kien minħabba fatturi lil hinn mir-rieda tiegħu.

Illi dan kollu reġa' kien konfermat fis-sottomissjonijiet orali li l-attur personalment għamel f'din il-kawża. Fil-kors ta' dawn is-sottomissjonijiet l-attur bazikament ċaħad li xi darba qal li '*Dr Critien hi fil-mafia.*' Hu nsista li l-kliem li kiteb fuq Facebook ma kienx fil-konfront ta' l-Avukat Dr Critien għax hu jirrispettaha ħafna bħala persuna, imma dan il-kliem kitbu b'mod ġenerali, bħal meta ngħidu '*l-Kavallieri u l-Ingliżi kienu fil-mafia*'. Huwa reġa prova jispjeġa li

[14] Ref paragrafu 38 tar-rikors promotur.
[15] Ref paragrafu 105 tar-rikors promotur.

jekk dak li qal wegga' jew bezza', din ma kenitx l-intenzjoni tiegħu imma riżultat ta' xi ħaġa 'l hinn minnu. Fil-verita s-sottomissjonijiet aktar milli sottomissjonijiet jistgħu jitqiesu bħala depożizzjoni oħra ta' l-attur fejn huwa iffoka esklussivament fuq il-mertu tal-proċeduri penali li kien affaċċjat bihom u għaliex ma kellux jinstab ħati. Anke f'l-istadju ta' sottomissjonijiet l-attur qatt m'allega, la direttament u lanqas indirettament, li ma kellux opportunita' sħiħa u ġusta li jressaq il-każ tiegħu quddiem il-qrati kriminali.

Illi minn dan huwa ċar li l-attur għażel li jibbaża l-ilmenti kostituzzjonali tiegħu fuq il-mertu tal-proċeduri penali, fuq il-fatti tal-kaz u l-provi prodotti f'dawk il-proċeduri li skond hu qatt ma setgħu iwasslu għal sejbin ta' ħtija fil-konfront tiegħu. Ma jressaq l-ebda lment jew allegazzjoni oħra.

Ikkunsidrat

Illi t-tagħlim kostanti tal-Qrati tagħna hu li l-proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali ma jistgħux jintużaw bħala appell tat-tieni grad minn deċiżjoni ta' qorti oħra. Fis-sentenza f'l-ismijiet *Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et*[16] il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> *Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'għandhiex isservi bħala Qorti tat-tielet istanza, u m'għandhiex tirrevedi l-proċeduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analiżi tal-fatti li dawn ikunu għamlu, biex sempliċiment timponi l-opinjonijiet tagħha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali).*

Illi f'dan is-sens reġgħet esprimiet ruħha l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mgħotija fit-30 ta' Settembru 2011 fil-kawża *J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali* meta qalet li:

> *id-dritt għas-smigħ xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-ġudikant, audi alteram partem u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

[16] Deċiża fit-8 ta' Jannar 2010.

Illi l-istess baqa' jingħad f'sentenzi aktar riċenti. Fil-fatt f'sentenza mghotija fis-27 ta' Jannar 2021[17] il-Qorti Kostituzzjonali wara li rriferiet b'approvazzjoni għas-sentenza hawn ċitata J.EM. Investments vs l-Avukat Ġenerali, qalet hekk:

> *Il-Qorti tibda billi tfakkar illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'humiex qrati tat-tielet jew raba' istanza u* ***għalhekk m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti, u lanqas ma kien il-kompitu tal-ewwel Qorti, illi tiddetermina jekk is-sentenza mogħtija*** *(fil-proċeduri kostituzzjonali oriġinarjament intavolati mill-appellant)* ***hijiex korretta fis-sustanza tagħha kif donnu jippretendi l-appellant.***[18] *... ...*
>
> *Dan il-kunċett huwa wkoll abbraċċjat mill-Qorti Ewropea. Fil-fatt, l-awturi Jacobs u White jsostnu illi:*
>
> *"The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. (...)*
>
> *"The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6."*
>
> *L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali hija meta l-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tas-sentenza impunjata kienu "flagrantly and manifestly arbitrary, in a manner which flies in the face of justice and common sense and gives rise in itself to a violation of the Convention." Din il-Qorti fil-fatt diġa` kellha l-opportunita` li tirrileva illi l-kompitu tagħha '...huwa, fejn in-natura tal-każ hekk tirrikjedi, li tara jekk id-deċiżjoni kinitx "arbitrary or manifestly unreasonable."*

Illi għalhekk l-obbligu ta' din il-Qorti fil-proċeduri odjerni huwa li teżamina l-atti li dwarhom qed isir ilment, u tara jekk fil-kors ta' dawk il-proċeduri penali kienx hemm xi fatt li jikkostitwixxi ksur ta' dawk id-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali imsemmija mill-attur. Mhux il-kompitu tal-Qorti li terġa tisma' jew

[17] Ref *Raymond Sammut vs il-Ministru tal-Ġustizzja et.*
[18] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

terġa tevalwa l-provi dwar l-akkużi miġjuba kontra l-attur f' proċeduri penali ġia deċiżi kif qed jippretendi l-attur.

Illi aktar minn hekk minn eżami tal-atti tal-proċeduri penali fil-konfront ta'l-attur żgur ma jistax jingħad li s-sentenzi mgħotija kienu *flagrantly and manifestly arbitrary, in a manner which flies in the face of justice and common sense.* Fiż-żewġ istanzi l-Qorti tagħmel analizi tal-provi u tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi relevanti, u wara kunsiderazzjonijiet raġunati tasal għall-konkluzzjonijiet tagħha.

Illi in vista ta' dan il-Qorti tista' tipproċedi u tiddisponi mill-kaz ta'l-attur billi tiċħad it-talbiet tiegħu. Minkejja dan hija xorta ser tagħmel analiżi qasira tal-mod kif tmexxew il-proċeduri kriminali biex żgur tassigura li dawn tmexxew skont id-dettami tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni li huma l-artikoli imsemmija mill-attur.

## DRITT GĦAL SMIGĦ XIERAQ

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, għal dak li jista' jkun relevanti ghall-każ in eżami, jipprovdi li:

> *(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*
> … … …
>
> *(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*
> *Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*
>
> *(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*
> *(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;*
> *(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
> *(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista'jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;*

*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiemil-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddugħal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u*

*(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża,*

*u ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu.*

*(7) Meta xi ħadd jgħaddi proċeduri dwar reat kriminali, il-persuna akkużata jew xi persuna awtorizzata minnha għal hekk għandha, jekk hekk teħtieġ u bi ħlas ta' dak id-dritt raġonevoli li jista' jkun preskritt b'liġi, tiġi mogħtija fi żmien raġonevoli wara s-sentenza kopja għall-użu tal-persuna akkużata ta' kull inkartament tal-proċeduri magħmula minn jew għan-nom tal-qorti.*

*(8) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul.*

*… … …*

*(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali magħandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha.*

Illi s-subartikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

Illi dwar dan l-artikolu tal-Konvenzjoni, il-Facts Sheets (Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights: Right to a Fair Trial (criminal limb)[19] maħruga mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem jispeċifikaw li:

> *1. The key principle governing the application of Article 6 is fairness (Gregačević v. Croatia, 2012, § 49). However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], 2016, § 250).*
>
> *2. In each case, the Court's primary concern is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole, and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident. However, it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (ibid., § 250). ... ...*

Illim hekk ukoll stabbilit il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mgħotija fit-18 ta' Lulju 2014 fil-kawża f'l-ismijiet *Christopher Cassar vs l-Avukat Ġenerali et*:

> *Taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni l-kompitu tal-Qorti hu li teżamina jekk il-proċeduri meħudin fil-kompless tagħhom, inkluż il-mod kif ikunu nġabru l-provi, kienux xierqa fis-sens tal-istess artikolu, għalkemm jista' wkoll ikun il-każ li aspett jew nuqqas partikolari jkun tant determinanti ghall-eżitu tal-kawza li jkun biżżejjed sabiex minhabba fih waħdu l-Qorti ssib nuqqas ta' smigħ xieraq. Inoltre, l-Istat għandu latitudini akbar fil-mod kif jittratta kawżi ċivili milli għandu meta jkun qiegħed jittratta minn kawżi kriminali. B'danakollu, il-prinċipju tal-equality of arms li jiddetta li jinżamm bilanċ xieraq bejn il-partijiet fil-kawża japplika kemm fil-kawżi ċivili kif ukoll f'dawk kriminali. Dan il-prinċipju jimplika li kull parti għandu jkollha l-opportunita` raġjonevoli li tippreżenta l-kaz u l-provi tagħha taħt kundizzjonijiet li ma jqiegħduhiex fi żvantaġġ fil-konfront tal-parti l-ohra (Dec Adm Camillo Crociani u oħrajn v. Italy, 18/12/1980; Dec Adm X v. Norway, 4/7/1978; Ara ECHR Helmers v. Sweden, 29/10/1991 #31; Vidal v. Belgium, 22/4/1992; Dombo Beheer B.V. v. The Netherlands, 27/10/1993 #31-33; Ara wkoll Q. Kost. Peter Paul Muscat v. Mario Muscat pro. et noe.et, 24/6/2011).*

[19] Kif aġġornati sal-31 ta' Awwissu 2022.

Illi minn eżami tal-atti tal-proċeduri penali kontra l-attur jidher ċar li:

- L-attur ressaq l-ilmenti tiegħu kollha, ressaq il-provi, ittratta l-każ, kien assistit minn avukat kif u meta xtaq hu, u mbagħad eventwalment appella mis-sentenza wkoll. Dawn kienu l-istess opportunitajiet li ngħataw lill-prosekuzzjoni. Għalhekk kien hemm *equality of arms.*
- Ma jidhirx li l-proċess kriminali sħiħ ħa xi tul żejjed. Il-fatti li wasslu għall-azzjoni kriminali seħħew fit-28 ta' Awwissu 2019. L-akkuzi kontra tiegħu inharġu fis-17 ta' Ottubru 2019; l-ewwel sentenza ingħatat fit-13 ta' Lulju 2021 u l-appell ġie deċiż fid-29 ta' Ottubru 2021. Għalhekk il-każ tiegħu instema' fi żmien raġonevoli, dan anke tenut kont li għal xi perjodi minn Marżu 2020 il-Qorti kien magħluq skond ordnijiet mgħotija mill-awtoritajiet tas-saħħa, jew ma kienux qed isiru seduti minħabba ċirkostanzi relatati mal-pandemija tal-*Covid 19.*
- Mill-atti ma jidher ebda ħjiel ta' dubju dwar l-indipendenza u l-imparzjalita' tal-Qorti li semgħet il-kaz ta'l-attur, kemm fil-prim istanza u kemm fl-appell. Mhux talli hekk, imma kemm waqt ix-xhieda tiegħu fil-proċeduri kriminali kemm waqt fil-proċeduri odjerni, l-attur faħħar lill-ġudikanti li quddiemhom instemgħu il-proċeduri penali.
- Mill-verbali tas-seduti jidher li l-attur ingħata smigħ fil-pubbliku. U l-fatt li kien fil-pubbliku ma jidher li kellu ebda effett negattiv fuq l-andament tal-kawża.
- Mill-atti jidher li l-preżunzjoni tal-innoċenza tar-rikorrent kienet imħarsa wkoll u l-prosekuzzjoni ressqet ix-xhieda kollha dwar il-każ dwar kull imputazzjoni skont il-liġi.
- L-attur jidher li mhux biss kien infurmat imma anke fehem b'liema reati kien qed jiġi akkużat. Tant li għażel li jixhed u ingħata l-opportunita jgħid dak kollu li deherlu opportun inkluz x'ried u ma riedx ifisser bil-kliem li tella' fuq Facebook. Huwa għażel li jagħmel hu s-sottomissjonijiet dwar il-każ, mingħajr l-assistenza tal-avukat.
- Fil-fatt kien hemm diversi mumenti waqt il-proċeduri meta r-rikorrent għażel li ma kunx assistit minn avukat. F'mumenti oħra, meta xtaqt u hekk għażel, kien assistit minn avukat ta'l-agħżla tiegħu.[20]
- Barra li xehed hu, r-rikorrent għamel kontroeżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, fejn hu poġġa l-mistoqsijiet li xtaq fil-parametri tal-liġi proċedurali.
- L-attur eżerċita wkoll id-dritt tiegħu li jappella, u talab li titħassar l-ewwel sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu.
- Il-Qorti ta'l-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata pero' fir-rigward ta' aspett wieħed biss mill-akkuża li tagħha instab ħati. Għalhekk jista' jingħad li, sa ċertu punt, l-appell kellu eżitu pożittiv, għalkemm b'mod limitat, fuq is-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent.

[20] Dan ġara anke fil-proċeduri odjerni. Ara l-verbal tat-18 ta' Novembru 2022 (a fol 36) fejn ir-rikorrent iddikjara li jixtieq jixhed *viva voce* mingħajr avukat u li ma xtaqx li jkun iktar assistit.

Illi mis-suespost l-Qorti hija konvinta li l-proċeduri penali tentati kontra l-attur fil-kors kollhu tagħhom gew kondotti b'rispett sħiħ tad-dritt tiegħu, sia kostituzzjonali u sia konvenzjonali, għal smigħ xieraq.

## DRITT TA' LIBERTA' TA'L-ESPRESSJONI U INFORMAZZJONI.

Ikkunsidrat

Illi fir-rikors promutur l-attur semma' ukoll li sofra ksur tad-dritt ta' liberta' tal-espressjoni u informazzjoni. Pero' ma spjegax kif sofra dan il-ksur u lanqas speċifika ta' liema artikoli qed jallega ksur. Minkejja dan il-Qorti ser tagħmel xi kunsiderazzjonijiet qosra anke f'dan ir-rigward.

Illi d-dritt imsemmi mill-attur hu protett bl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet jipproteġu d-dgawdijja tad-dritt li persuna tesprimi ruħha u tgħid x'taħseb u anke tagħmel din l-opinjoni tagħha kemm jista' jkun pubblika. Pero' ż-żewġ artikoli imsemmija jipprovdu ukoll għal diversi eċċezzjonijiet, fost liema hemm l-eċċezzjoni li tipproteġi d-drittijiet u r-reputazzjoni ta' persuni oħra. Iż-żewġ artikoli jippermettu l-intervent, kif preskritt minn liġi, ta'l-istat biex jassiguraw l-eżerċizzju responsabbli tad-dritt in eżami u biex jipproteġu lit-terż milqgħut minn dak li ntqal dwaru.

Illi l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħuta' espressjoni, magħduda libertà li jkollu fehmiet mingħajr indħil, libertà li jirċievi idejiet u tagħrif mingħajr indħil, libertà li jikkomunika idejiet u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jewklassi ta' persuni) u libertà minn indħil dwar il-korrispondenza tiegħu.*
>
> ***(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment –***
>
> *(a)* ***li jkun meħtieġ raġonevolment*** *–*
>
> *(i) fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, jewsaħħa pubblika; jew*
>
> *(ii)* ***sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra,*** *jew il-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri legali, jiġi evitat il-kxif ta' tagħrif riċevut sigriet,*

*tiġi miżmuma l-awtorità u l-indipendenza tal-qrati, jiġu protetti l-privileġġi tal-Parlament, jew jiġu regolati t-telefonu, it-telegrafu, il-posta, ix-xandir bil-wireless, it-televiżjoni jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni, esibizzjonijiet pubbliċi jew divertimenti pubbliċi; jew*

*(b) li jimponi restrizzjonijiet fuq uffiċjali pubbliċi,*

*u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-ħaġa magħmula skont l-awtorità tiegħu tiġi murija li ma tkunx raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika.*

Illi l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

*(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jewimpriżi ċinematografiċi.*

*(2)* ***L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal*** *dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew* ***penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika,*** *fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali,* ***għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor,*** *biex jiġi evitat il-kxif ta'informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura.*[21]

Illi fis-sentenza mgħotija fit-22 ta' Frar 2018 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża f'l-ismijiet *Il-Pulizija vs Paul Borg Olivier* intqal li:

*biex il-frażi "libertà tal-espressjoni" tiftehem aħjar issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (minn issa 'l quddiem Qorti ta' Strasburgu), fl-ismijiet Verdens Gan and Kari Aastad, AASE v. Norway, applikazzjoni numru 45710/99 datata s-16 t'Ottubru 2001, li sostniet is-segwenti:*

*"However, it is to be recalled that Article 10 of the Convention does not guarantee unlimited freedom of expression even for press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article, the exercise of this freedom carries with it "duties and*

[21] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

*responsibilities" which also apply to the press. In a number of recent cases concerning restrictions on press freedom (see, for instance, the ... case of Bergens Tidende* and *Others v. Norway, para 53), the Court has pointed out that these "duties and repsonsabilities" assume significance if the reputation of private individuals is under attack and the "rights of others" may be undermined."*

*Illi jirriżulta pależement assodat li l-prinċipju surriferit kif elenkat fl-artikli fuq riprodotti hu immedjatament ċirkoskritt bl-eċċezzjonijiet hemm espressament delineati;*

*Illi konsegwenza tal-istess jirriżulta għalhekk li f'dawk iċ-ċirkostanzi l-intromissjoni da parti tal-istat f'dan id-dritt fundamentali tkun waħda kemm legali kif ukoll leċita;*

*Illi għalhekk għandu jkun paċifiku li d-dritt in diżamina mhux wieħed assolut;*

*Illi in effetti, anke fl-interess tas-sovranità tad-dritt, dan l-istess dritt partikolari in diżamina neċessarjament jattira ċerti restrizzjonijiet li fl-interess tal-istess ikunu wkoll jirrikjedu l-intervent proporzjonat tal-istat a bażi ta' raġunijiet speċifiċi u debitament sottolineati ex lege li jkunu meħtieġa fi stat demokratiku;*

*Illi għalkemm tali bilanċ ħafna drabi ma jkunx jidher li jkun jista' jintlaħaq, però l-attwazzjoni tiegħu hija essenzjali biex tintlaħaq dik il-konvivenza armonjuża li l-att ġust biss jista' jottjeni.*

Illi f'din l-istess sentenza saret referenza ukoll għal dak li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fil-sentenza mgħotija fil-5 ta' Ottubru 1992 fil-kawża fl-ismijiet *Il-Pulizija v. L-Onorevoli Dottor Joseph Brincat u Marie Louise Coleiro* u cioe li:

*... l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni, meħud fil-kumpless tiegħu, jistabbilixxi tliet kriterji tal-kontroll li għandhom jiġu applikati biex jiġġustifikaw l-inammissibilità tal-libertà ta' espressjoni bħala dritt fundamentali, jiġifieri, tali interferenza kontra dik il-libertà trid tkun:*
*(a) awtorizzata b'liġi;*
*(b) tkun diretta li tilħaq xi wieħed mill-iskopijiet leġittimi msemmija fl-istess artikolu; u*
*(ċ) li tkun neċessarja f'soċjetà demokratika, kompatibilment maI-obbligi u r-responsabbilitajiet li l-libertà ta' espressjoni timporta;*

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ in eżami huwa ċar li wara li r-rikorrent esprima ruħu dwar l-Avukat Dr Abigail Critien, l-istat intervjena permezz tal-proċeduri penali fuq imsemmija għal reati kontemplati mill-Liġi biex tiġi mħarsa r-reputazzjoni tal-persuna (l-Avukat Dr Critien) milqutgħa b'dak li kiteb l-attur.

Illi għalhekk l-intromissjoni ta'l-Istat (permezz ta'l-azzjoni penali tentata mill-pulizija) fuq id-dritt ta'espressjoni ta'l-attur kienet waħda leċita u leġali.

Għal dawn il-motivi il-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenut stante li din ġiet irtirata, tilqa' r-raba', l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-konvenut, ma ssibx ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija fir-rikors promutur u konsegwentement **tiċħad it-talbiet kollha ta'l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**